**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Città Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 08/16 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | | |
| **Data** | 12/09/16 fis-06.10pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti mis-6.20pm |
| | | Amanda Abela | Preżenti mis-6.40pm |
| | | Joan Agius | Preżenti sas-7.30pm |
| | | Claude Camilleri | Skużat minħabba xogħol |
| | | Raymond Caruana | Preżenti mis-7.20pm |
| | | Sean Chircop | Preżenti |
| | | Stephania Fenech | Preżenti sat-8.45pm |
| | | Joseph Hales | Preżenti |

| | |
|---|---|
| **Preżenti wkoll** | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon<br>Assistent Prinċipal Caroline Schembri |
| **Preżenti wkoll** | L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Laura Caruana |

**08. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 08. 1. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Agius | Il-Minuti 07/16 inqraw u ġew approvati nem.con. b'din il-korrezzjoni: | |
| | 07.7.1 | Wara ċ-ċifra, jidħlu dawn il-kelmiet 'eskluż il-VAT'. | | |
| 08. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**08. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 08 2 1 | 07.2.1 | Hales: Traffic Management - Triq il-Qadi | Hales spjega li l-problema mal-KoptaSin ġiet riżolta u beda jsir ix-xogħol taż-żebgħa. | Hales |
| 08 2 2 | 07.2.2 | Agius: Financial Statement tal-Manuċċa CDCC | Agius ippreżentat il-financial statement mħejji mill-Awditur Aldo Louis Zammit, dwar il-Manuċċa CDCC. Ġie spjegat kull item li kien hemm fuq ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġerixxa li dawn għandhom ikunu maħduma fuq accrual basis. Fenech ġibdet l-attenzjoni u talbet spjegazzjoni fuq ċertu figuri, liema figuri ser ikunu spjegati meta r-rapport ikun finalizzat, jiġi preżentat. | Sindku<br>Agius |
| 08 2 3 | | | Agius ippreżentat ċekk ta' Eur9,000 arretrati ta' 2015 f'isem iż-Żejtun Community Foundation lill-Kunsill għas-servizzi li l-Kunsill offra lill-Manuċċa Day Care Centre. | Segretarjat |
| 08 2 4 | 07.2.3 | Fenech: Mquip | Fenech staqsiet jekk kienx hemm kuntatt min-naħa ta' l-Mquip dwar il-boards li hemm bżonn jinbidlu. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Fenech |
| 08 2 5 | 07.2.4 | Fenech: Pitch GSM | Fenech irrapurtat li x-xogħol fuq il-pitch ta' GSM tlesta. Sar xogħol tajjeb ħafna. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 2 | 6 | 07.2.5 | Agius: Aerobics & Nutrition Sessions | Agius talbet li ssir timetable ta' dawn il-korsijiet. Fenech qalet li dawn is-sessjonijiet spiċċaw illum. | |
| 08 | 2 | 7 | 07.2.8 | Hales: Parkeġġ Fi Triq Ġużeppina Curmi | Hales spjega li dan ser jitneħħa. | Hales |
| 08 | 2 | 8 | 07.2.9 | Hales: Dustbins | Hales informa lill-Kunsill li d-Direttorat ta' l-Indafa għadhom qed jistennew il-konsenja. | Hales |
| 08 | 2 | 9 | 07.2.11 | Fenech: Malta Records | Fenech infurmat lill-Kunsill li għada 13 ta' Settembru, il-Malta Records ser jgħaddulna l-frame tar-records li l-Kunsill kiser permezz ta' mural bit-tappijiet f'GSM. Hija talbet li dan jitwaħħal f'post prominenti. | Fenech |
| 08 | 2 | 10 | 07.2.13 | Hales: Traffic Managament - Triq Wied iz-Ziju | Hales informa lill-Kunsill li saret talba lil TM. | Hales |
| 08 | 2 | 11 | 07.2.20 | Hales: Traffic Management - Triq Santa Marija | Hales informa lill-Kunsill li saret talba lil TM. | Hales |
| 08 | 2 | 12 | 07.2.23 | Agius: Fanal nieqes fi Triq il-Kunċizzjoni | Agius staqsiet jekk dan sarx. Is-Sindku qal li dan għadu ma sarx minħabba li trid issir attachment speċjali biex il-fanal ikun jista' jitwaħħal. | Sindku |
| 08 | 2 | 13 | 07.2.24 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku rrapurtat li l-BBQ sar u fis-17 ta' Awwissu saret attivita' ta' tisjir bejn l-anzjani u ż-żgħażagħ tal-grupp Zoey. | Viċi-Sindku |
| 08 | 2 | 14 | 07.3.5 | Agius: Skema Binjiet tal-Gvern | Agius infurmat lill-Kunsill li ser jiffirmaw l-iskema ta' l-Awtorita' tad-Djar l-aħħar żewġ binjiet ta' Ġebel San Martin. Ta' Ħal Tmim għadhom ma sarux iżda ser isiru fi żmien qarib. | Agius |
| 08 | 2 | 15 | 07.4.2iii | Agius: Pagament tan-Nurses Tilqima 2015 | Agius staqsiet jekk kif hemm progress dwar il-pagament. Ir-risposta kienet fin-negattiv. Ser isir follow up sabiex din il-kwistjoni tkun risolta. | Segretarjat |
| 08 | 2 | 16 | 07.8.2 | Chircop: Treasure Hunt | Chircop irraporta li fit-treasure hunt ħadu sehem madwar 120 tifel u tifla nkluż dawk tal-Kids Club. Ingħataw iktar minn Eur1,000 f'rigali. Chircop irringrazzja liż-żgħażagħ li ġabru dawn l-isponsors u lill-ħwienet li għoġobhom jagħmlu dawn l-għotjiet. | Chircop |
| 08 | 2 | 17 | | | Chircop irraporta wkoll li kienu organizzati diversi attivitajiet kulturali ma' Skolasajf fosthom: tħejjija ta' tajr mis-Sur Lino Psaila u attivita' ġewwa San Girgor. | Chircop |
| 08 | 2 | 18 | 07.8.6 | Hales: Traffic Management Triq is-Suq u Triq Serafin Xuereb | Hales irraporta li filwaqt li ma kienx hemm oġġezzjoni mir-resident ta' Triq is-Suq, kien hemm xi oggezzjonijiet minn dawk fi Triq Serafin Xuereb. Għaldaqstant il-proposta hi li ssir biss Triq is-Suq. | Hales |
| 08 | 2 | 19 | 07.8.8 | Hales: Ittra mill-Multipackaging | Hales informa lill-Kunsill li l-kiosk inkwistjoni telaq mill-post. | Hales |
| 08 | 2 | 20 | 07.8.13 | Agius: Festa Sajf | Agius irrapurtat lill-Kunsill li l-attivita' Festa Sajf ġiet kanċellata minħabba l-maltemp. | Agius |
| 08 | 2 | 21 | 07.8.17 | Hales: Tabella - Ħinijiet Skolasajf | Hales informa lill-Kunsill li saret talba lil TM. | Hales |
| 08 | 2 | 22 | 07.8.19 | Hales: Tabella ħdejn Skatepark | Hales informa lill-Kunsill li din ġiet ordnata | Hales |
| 08 | 2 | 23 | 07.8.22 | Hales: Kwistjoni fi Triq Kastellan dwar għalf għall-qtates | Hales informa l-Kunsill li l-problema ta' għalf għall-qtates fi Triq Kastellan, ġiet risolta. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 2 | 24 | 07.8.23 | Hales: Għeluq tal-parti t'isfel ta' Triq Luqa Briffa | Hales irraporta li dawn it-tabelli ġew ordnati. | Hales |
| 08 | 2 | 25 | 07.8.24 | Hales: Traffic Management Triq il-Kastellan | Hales irraporta li dawn it-tabelli ġew ordnati. | Hales |
| 08 | 2 | 26 | | Chircop: Skema - Restawr ta' Niċeċ | Chircop irraporta li ħarġet l-iskema għal restawr u l-Kunsill applika għan-niċċa ta' San Ġużepp li tinsab fi Triq Marsaxlokk. Is-Sindku spjega li hemm problema minħabba r-residenza. Għaldaqstant ser nippruvaw insibu sponsor. | Chircop |

**08 3 Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML08/16. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 3 | 1 | 1 | Planning Authority: PA04529/16, PA04374/16 | **Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-PA li, għandu jinżamm il-karatteristika ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 08 | 3 | 2 | 14 | DGL: Cirk 10/16 Faċilitajiet ta' parkeġġ fil-lokalitajiet | Is-Sindku nkariga lill-Kunsillier Hales isegwi din il-korrispondenza. | Hales |
| 08 | 3 | 3 | 15 | DGL: Cirk 11/16 Espressjoni ta' interess għall-impjieg ta' persuni b'diżabilita' | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret applikazzjoni għal din l-espressjoni ta' interess. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08 | 3 | 4 | 20 | DGL: Cirk 16/16 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv | **Fuq proposta ta' Hales, issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel li jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv iżda din għandha tkun minn xi ħadd interni.** | Sindku |
| 08 | 3 | 5 | 26 | Env Health: Problema bil-ħamiem | Hales talab sabiex it-talbiet biex isir sparar fuq ħamiem, għandhom jaslu għand il-Kunsill sat-30 ta' Settembru 2016. | Hales |
| 08 | 3 | 6 | 27 | S. Compagna: Rimborz ħsara fuq vettura | **Il-Kunsill approva l-ħlas ta' Eur50 għad-danni li s-Sur Compagna ġarrab fuq il-vettura tiegħu.** | Segretarjat |
| 08 | 3 | 7 | 28 | Impjegata Joanne Muscat: Tmiem ta' impjieg | Is-Sindku talab sabiex issir ittra ta' ringrazzjament lill-impjegata Muscat, kif ukoll jinxtara token. | Sindku Segretarju Eżekuttiv |
| | | | i | | **Il-Kunsill qabel li Stefan Borg li preżentament hu mpjegat bħala Casual Clerk minflok Godwin Muscat jitħaddem fuq bażi permanenti minflok Joanne Muscat.** | Sindku Segretarju Eżekuttiv |
| | | | ii | | **Il-Kunsill laqa' il-proposta ta' Joe Hales sabiex minflok Godwin Muscat jiġu mpjegati żewġ part timers temporanji.** | Sindku Segretarju Eżekuttiv |
| 08 | 3 | 8 | 30 | Prinċipal Librerji: Attivita' fil-Librerija Pubblika | Is-Sindku rraporta li fil-25 ta' Ottubru fil-11am ser issir żjara mill-mara tal-Prim Ministru, fil-Librerija Pubblika fejn ser tippreżenta xi kotba f'isem il-Marigold Foundation. | Camilleri |
| 08 | 3 | 9 | 32 | C. Camilleri: Kwotazzjoni għall-ixkaffar tal-libreriji | **Il-Kunsill approva li jsir l-ixkaffar għall-librerija pubblika għall-ħlas ta' Eur1,000.** | Camilleri |

**08. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08 4 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 08/16 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarju |
| 08 4 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 08/16 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 08/16 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarju |
| 08 4 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 08/16 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju |
| 08 4 4 | | Petty Cash - Lulju 2016 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Lulju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €138.46.** | Segretarju |
| 08 4 5 | | Petty Cash - Awwissu 2016 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Awwissu hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €183.46.** | Segretarju |

**08. 5. Resurfacing ta' toroq: Triq Kanonku de Domenico, Triq Bir id-Deheb, Triq l-Arċipriet Degabriele, Triq A Cachia Zammit, Triq Bormla**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 5 1 | | Is-Sindku: Jirraporta | Is-Sindku rraporta li nbeda x-xogħol fuq il-wiċċ ta' Triq il-Kan. Giov. Domenico, filwaqt li Triq Bir id-Deheb fadal li jingħata t-tieni wiċċ. Rigward Triq l-Arċipriet Degabriele, il-Kunsill għandu informazzjoni li din it-triq ser tkun lesta sakemm tibda l-iskola. Is-servizzi tlestew. | Sindku |
| 08. 5 2 | | Is-Sindku: Jirraporta | Dwar Triq Cachia Zammit, is-Sindku nforma l-Kunsill li t-tender ta' l-ilma u drenaġġ ingħata. Ix-xogħol ser jibda f'Ottubru u mistenni jdum madwar 8 xhur. | Sindku |
| 08. 5 3 | | Is-Sindku: Jirraporta | Rigward Triq Bormla, hu ppjanat li l-kareġġjata l-antika ser tkun riservata bħala cycle u pedestrian lane, filwaqt li l-parti l-oħra tinqasam għat-traffiku. Dwar din it-triq qed titħejja stima. | Sindku |

**08. 6. Bankina - Triq il-Qadi**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 6. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur tal-Kunsill li kellu jaħdem fuq il-bankini ilu ma jidher madwar 3 xhur. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 08. 6. 2 | | | Il-Kuntrattur tal-knis, Mario Borg, qed jagħmel xogħol fuq bankini billi l-Kunsill jipprovdi l-materjal u Borg jitħallas tax-xogħol. Is-Sindku spjega li se nistennew ix-xogħol u naraw jekk din is-sistema tkunx viabbli għall-Kunsill jew le. Jekk il-Kunsill ikun jaqbillu, naraw x'bankini jistgħu jsiru skond ma tippermetti l-liġi b'din is-sistema. | Sindku |

**08. 7.** **Offerti Żejt iż-Żejtun**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 7. 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Jirraporta | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li intefgħet offerta waħda mill-Beland Band Club għall-posta f'Misraħ ir-Repubblika bi ħlas ta' Eur500. | |
| 08. 7. 2 | | | **Il-Kunsill qabel li għas-sena d-dieħla għandu jerġa' jsir il-capping fuq il-posti.** | |
| 08. 7. 3 | | | **Il-Kunsill qabel li jerġa' joħrog sejħa oħra bl-approvazzjoni ta' DLG għall-posti li għalihom ma ntefgħet ebda offerta.** | |

**08. 8.** **Għargħar fiz-zona San Klement**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 8. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku spjega li fejn ir-roundabout ta' San Klement jegħreq. Din iz-zona għadha ma ġietx inkluża fil-programm tal-Gvern Ċentrali. L-iStorm Water System Dept. ġew fuq il-post u hejjew rapport. | |

**08 9** **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 9 1 | | Chircop: Bring in site Ġebel San Martin | Chircop spjega li għal dawn l-aħħar sentejn u nofs intrema skart biswit il-bring in site ta' Triq Toni Zahra, b'inkonvenjent għar-residenti li joqgħodu fil-viċinanzi. Għaldaqstant qed jitlob li dawn jitneħħew. | |
| 08 9 2 | | | **Il-Kunsill qabel li jixtri s-servizz ta' monitoring mingħand Annual Surveillance Anywhere għall-prezz ta' Eur69 eskluż VAT, fix-xahar bi prova ta' 3 xhur.** | |

**08. 10.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08 10 1 | | Sindku: Siġar Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed issir pressjoni ma' l-awtoritajiet minħabba s-siġar ta' Vjal 25 ta' Novembru peress li dawn intrefgħu pulzier u nofs mill-art bil-konsegwenza li qed jagħmlu ħsara lill-wiċċ ta' din it-triq. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 10 | 2 | Caruana: Ċnut fi Vjal 25 ta' Novembru | Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar partijiet nieqsa miċ-ċnut ta' Vjal 25 ta' Novembru. Is-Sindku spjega li dawn iċ-ċnut huma privati u għandna niġbdu l-attenzjoni tal-Pulizija dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08 | 10 | 3 | Agius: Żejt iz-Żejtun | Il-Kunsilliera Agius fakkret li nhar il-Ħadd 18 ta' Settembru ser issir il-maratona tal-ġiri ta' Żejt iż-Żejtun. | Sindku Agius |
| 08 | 10 | 4 | Agius: Żejt iz-Żejtun | Is-Sibt 24 ta' Settembru tittella l-attivita' Żejt iż-Żejtun. Min jixtieq jieħu sehem, jista' jagħmel dan sa nhar l-Erbgħa 14 ta' Settembru. | Sindku Agius |
| 08 | 10 | 5 | Agius: Żejt iz-Żejtun | Agius staqsiet jekk kellniex risposta dwar il-billboard. Is-Segretarju qal li konna għadna ma rċevejniex risposta. | Sindku Agius |
| 08 | 10 | 6 | Agius: Żejt iz-Żejtun | Agius ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar tabelli li hemm bżonn jinbidlu fid-dħul taż-Żejtun. Hales ikkonferma li dawn ser jinbidlu qabel l-attivita'. | Hales |
| | 10 | 7 | Agius: Festa tal-Madonna tal-Ħniena | Agius fakkret li nhar is-17 u 18 ta' Settembru ser issir il-Festa tal-Madonna tal-Ħniena fiz-zona tal-Ħniena. Hija talbet sabiex isir kordinament għat-tindif ta' din iz-zona kif ukoll ta' Triq il-Labour. | Hales |
| 08 | 10 | 8 | Sindku: Rimi ta' skart bejn bis Misraħ Karmenu Grima | Is-Sindku talab sabiex tintbagħat ittra lill-Kap tal-Kindergarten sabiex ma jibqax jinħareġ skart domestiku biswit il-bring in site ta' Misraħ Karmnu Grima. Għal dan l-abbuż hemm multi ħorox. | Hales |
| 08 | 10 | 9 | Hales: Ħajt Triq E. Attard Bezzina | Hales qal li meta sar il-wiċċ ta' Triq E. Attard Bezzina, il-Kunsill waqqa ħajt għad-detriment ta' sid l-għalqa. Huwa talab sabiex jerġa' jittella l-ħajt a spejjeż tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li dan isir meta jkollu r-riżorsi meħtieġa. | Sindku |
| 08 | 10 | 10 | Hales: Irranġar ta' files | **Fuq proposta ta' Hales, issekondata minn Chircop, il-Kunsill qabel li jagħti kumpens daqs dak ta' student work lil Andre' Mifsud għax-xogħol li wettaq tul is-sajf fuq irranġar ta' files.** | Hales |
| 08 | 10 | 11 | Chircop: Wirja Filatelika | Chircop informa lill-Kunsill li ser issir il-wirja filatelika annwali fis-Sala Ġużeppina Curmi. Il-ftuħ tagħha ser isisr fit-22 ta' Settembru fis-7pm. Min jattendi ser jingħata pack bil-bolol. | Chircop |
| 08 | 10 | 12 | Chircop: Wirja ta' ritratti | Chircop informa lill-Kunsill li ser titella wirja ta' arkitettura, permezz tal-fotografija, bl-isem 'Tinqixa' ġewwa ċ-Ċentru Arti u Artiġjanat. | Chircop |
| 08 | 10 | 13 | Chircop: Milestone tal-Pjazza | Chircop staqsa x'pożizzjoni ser jieħu l-Kunsill dwar iċ-ċaqliq tal-milestone mill-Pjazza. Is-Sindku spjega li din iċċaqalqet biex ikun hemm żblokk għall-proġett tal-Pjazza. Caruana talab li ssir petizzjoni biex il-milestone terġa' titqiegħed lura fil-Pjazza. Is-Sindku rrakomanda li din għandha ssir wara t-tkomplija tal-proġett. | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 10 | 14 | Chircop: Sleeping policeman fi Triq Felicia Abela | Chircop ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar periklu kontinwu minħabba sewqan eċċessiv fi Triq Felicia Abela. Wara diskussjoni li saret, is-Sindku talab li nitolbu lill-Għassa tal-Pulizija, in-numru ta' aċċidenti li seħħew f'din iż-żona u Triq Hector Dalli. | Agius Hales |
| 08 | 10 | 15 | Caruana: Tabelli neqsin | Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar żewġ tabelli taz-zebra crossing neqsin minn ħdejn il-Corinthians u oħra ta' tfal jaqsmu fejn Helmar Stationery. **Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jerġgħu isiru.** | Hales |
| 08 | 10 | 16 | Caruana: Tabelli tal-one way | Caruana spjega li fit-triq ħdejn il-Kappella ta' San Klement, kien hemm żewġ tabelli tal-one way. Huwa talab sabiex dawn jerġgħu jsiru. Hales spjega li triq m'għandiex tkun one way minn żewġ naħat. Huwa propona li jitneħħa l-parkeġġ speċjalment ta' vetturi kbar li ilhom ipparkjati għal żmien twil. Dwar dan diġa' inġibdet l-attenzjoni tal-Pulizija. | Hales |
| 08 | 10 | 17 | Caruana: Give way f'Misraħ il-Bjar | Caruana talab li ssir give way f'Misraħ il-Bjar viċin Fifu Bar sabiex ikun hemm traffic management iktar spjegat u jitnaqqsu l-aċċidenti. **Il-Kunsill qabel.** | Hales |
| 08 | 10 | 18 | Viċi-Sindku: Patching | Il-Viċi-Sindku talbet li jinxtara romblu minħabba xogħol ta' patching. Is-Sindku spjega li bil-patching li qed jinxtara m'hemmx bżonn ta' użu ta' compactor. | Sindku |
| 08 | 10 | 19 | Viċi-Sindku: Għoti ta' flus għal-librerija | Il-Viċi-Sindku rrapurtat li attendiet attivita' ġewwa Santa Luċija fit-23 ta' Awwissu fejn ingħatat donazzjoni ta' Eur600 għal-librerija. Il-Kunsill irid joħroġ l-istess sehem u għandhom jinxtraw riżorsi għall-persuni b'diżabilita. | Camilleri |
| 08 | 10 | 20 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku infurmat il-Kunsill li nhar l-14 ta' Settembru, il-Caritas ser jorganizzaw attivita' ġewwa l-Imdina. Ser ikun provdut trasport mid-Dar ta' l-Anzjani għall-iMdina. | Viċi-Sindku |
| 08 | 10 | 21 | Viċi-Sindku: Attivita' Forti Sant'Anġlu | Il-Viċi-Sindku infurmat il-Kunsill li fl-20 ta' Settembru ser issir attivita' ġewwa l-Forti Sant'Anġlu fl-okkażjoni ta' Jum l-Anzjani. | Viċi-Sindku |
| 08 | 10 | 22 | Segretarju Eżekuttiv: Rapport Finanzjarju April-Ġunju 2016 | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-tieni kwart April-Ġunju 2016. Huwa ta spjegazzjoni dettaljata tal-figuri ppreżentati tad-dħul u l-ħruġ f'dan il-perjodu. Id-dħul kien ta' Eur236,155 u l-ħruġ kien ta' Eur233,901. Dan il-perjodu għalaq b'bilanċ ta' Eur2,254. **Il-Kunsill approva dan ir-rapport u għaldaqstant is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw dan ir-rapport.** | Sindku Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.30pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 24 ta' Ottubru, 2016 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Joe Attard | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |